MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 372/2001/2

**Inez Delceppo f'ismimha propriu u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Donatella, Deborah, u Dylan, ahwa Delceppo.**

**vs.**

**Philip Delceppo.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu f'Malta fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u wiehed u tmenin (1981) u miz-zwieg taghhom kellhom tlett (3) itfal, cjoe` Deborah, Donatella u Dylan, ahwa Delceppo, skond kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci w ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f’din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan skond digriet moghti minn dik il-Qorti b’digriet li jgib in-numru elf, mija u tlieta u hamsin tas-sena 1996 (1153/96) (Dok. “A”);

Illi l-attrici gja pprocediet kontra l-konvenut b’kawza ta’ separazzjoni fl-istess ismijiet (Citazzjoni Numru 149/97/NA) liema proceduri, izda waqghu deserti.

Illi l-attrici ghandha nteress u tixtieq tottjeni s-separazzjoni personali minn zewgha.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Delceppo minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, w ingurji gravi, li l-konvenut ikkometta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment.

2. Tordna li l-attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri Donatella u Dylan Delceppo, *stante* li Deborah ghalqet l-eta’ maggorenni, salv l-access tal-konvenut.

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-ligi b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, u tnaqqis mill-paga tal-konvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto* jew *in parte*.

5. Tillikwida l-beni in komun bejn il-partijiet, okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi, u tiddividihom f’zewg porzjonijiet tenut kont tad-data li fiha l-konvenut jitqies li ddekada mill-akkwisti li saru mill-attrici, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-partijiet rispettivament, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att; u

6. Tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provediment xieraq w opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-atti tal-kawza fl-ismijiet **“Inez Delceppo proprio et nomine vs Philip Delceppo”** (Citaz. Nru. 149/97/NA) jigu jifformaw parti integrali mill-process tal-kawza fl-istess ismjiet;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Frar 2003 fejn din il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 25 ta’ Settembru 2001, 22 ta’ Novembru 2001, u 13 ta’ Frar 2002.

Rat l-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati 16 ta’ Mejju 2002 fejn l-attrici giet awtorizzata tinnotifika lill-konvenut permezz tal-procedura abbazi tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** b’dan li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta wahda lokali ta’ kuljum; tat-30 ta’ Ottubru 2002; tal-5 ta’ Frar 2003; tal-4 ta’ Marzu 2003; u tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta' Frar 2003 fejn gie esebit l-affidavit tal-attrici datat 11 ta' Frar 2003.

Rat li saru l-pubblikazzjonijiet kollha u l-affissjoni skond id-digriet ta' din il-Qorti.

Rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ma deherx fil-kawza u baqa' ghalhekk kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet **"Inez Delceppo proprio et nomine vs Philip Delceppo"** (Citaz. Nru. 149/97, inkluz id-digriet tal-Qorti datat 9 ta' Ottubru 1997, x-xhieda tal-attrici datata l-1 ta' Ottubru 1997, ta' Suor Maria Farrugia datata l-1 ta' Ottubru 1997 u l-atti kollha l-ohra relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn l-attrici qed isostni li din il-firda giet kawzata mill-agir tal-konvenut u ghalhekk qed titlob li tigi akkordata l-manteniment skond il-ligi u l-komunjoni tal-akkwsiti tigi xolta u diviza f'zewg porzjonijiet. Illi intalbet il-kura u kustodja wkoll tal-minuri.

Illi fl-ewwel lok jidher li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li, kif jirrizulta mill-affidavit tal-attrici, l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' vjolenza domestika peress li kien jerfa' idejh fuq l-attrici, tant li b'digriet tal-Qorti datat 9 ta' Ottubru 1997, l-istess konvenut kien gie eskluz milli jghix fid-dar konjugali, u dan kif jidher mill-atti tal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet li ghaliha hemm riferenza iktar il-fuq.

Illi fil-fatt dan kollu jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-attrici minn fejn jirrizulta wkoll li l-istess konvenut kien izomm lill-attrici nieqsa mill-flus sabiex tigi hija tigi

mantnuta flimkien ma’ uliedu, li kien hedded diversi drabi lill-attrici u anke lill-familjari taghha, u li finalment l-istess konvenut kien telaq mid-dar konjugali ghall-habta tas-sena 1997, tant li llum l-attrici tistqarr li ma tafx fejn jghix il-konvenut.

Illi fl-ahharnett l-istess konvenut jidher li mill-provi prodotti kien hati wkoll ta’ adulterju tant li kellu tifla barra miz-zwieg tieghu mal-attrici. Kawza ta’ dan kollu l-istess attrici kienet ghamlet zmien konsiderevoli ta’ xi sentejn tghix ma’ uliedha fid-dar Merhba Bik u kienet biss wara digriet ta’ din il-Qorti kif dak iz-zmien presjeduta u fuq riferit li giet awtorizzata li tghix fl-istess dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut.
Illi ovvjament fic-cirkostanzi attwali m’hemm l-ebda dubju li l-kura u l-kustodja tal-ulied ghandha tigi fdata f’idejn l-attrici u bla ebda dritt ta’ access mill-konvenut, *stante* li jidher mill-atti li l-istess konvenut abbanduna wkoll lill-familja tieghu u lanqas biss qed jmantni lil uliedhu, *nonostante* d-digriet tal-Qorti *pendente lite*.

Illi dwar l-komunjoni tal-akkwisti ma tressqu l-ebda provi f’hiex din l-istess komunjoni tikkonsisti, hlief li l-istess attrici ssostni li l-konvenut kien ha mid-dar konjugali, d-deheb personali taghha, television, xi toys tat-tfal inkluz playstation u karozza tat-tlielaq, video recorder, xi ghamra, kolonna tal-kewba, salott tal-qasab, xi appliances tal-kcina bhala toaster u tea maker, xi vazuni u u xi affarijiet tat-tfal, apparti li l-istess attrici ssostni li l-konvenut biegh ukoll il-magni li kien juza sabiex jahdem bhala mastrudaxxa.

Illi in vista tal-premess din il-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-konvenut l-affarijiet kollha formanti parti mill-istess li jidher li huwa ha mill-istess dar konjugali, b’dan li l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attrici l-ammont ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600) ammont iffisat *arbitro boni viri* rapprezentanti l-kumpens dovut lill-attrici in vista tal-oggetti tal-komunjoni li l-istess konvenut ha ghalih innifsu; minbarra dan l-attrici ghandha tigi assenjati kull dritt ghad-dar matrimonjali, 63, Triq id-Dejqa

Cospicua, b'dak kollu li l-istess dar hemm gjo fiha bhala mobbli.

Illi tiddikjara wkoll li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta b'effett mis-sena 1997, data meta l-istess konvenut effettivament abbanduna d-dar konjugali.

Illi dwar manteniment, apparti li l-konvenut huwa tenut li jhallas il-manteniment dovut minnu *pendente lite* in virtu tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Digriet Numru 1153/96 sad-data ta' din is-sentenza, u apparti li jinghad li l-istess attrici w uliedha minuri ghandhom dritt jezigu tali hlas t'alimenti mill-konvenut, pero' fic-cirkostanzi odjerni ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut u/jew dwar xi mezzi tieghu, u ghalhekk tali ammont ta' alimenti ma jistax jigi likwidat u ordnat.

Illi r-raba' talba u s-sitt talba attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad it-tieni talba *stante* li llum bint il-kontendenti hija maggorenni u mizzewga, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Delceppo minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, mohqirija, u ingurji gravi li l-konvenut ikkometta kontra martu l-attrici, u peress li kawza tal-istess, dan iz-zwieg tkisser irrevokabbilment.

2. Tordna li l-attrici tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri Donatella u Dylan Delceppo bla ebda access *da parte* tal-konvenut.

3. Tiddikjara li l-istess attrici ghandha dritt li tithallas tal-manteniment ghaliha u ghal uliedha kif stabbilit *pendente lite* b'digriet tas-Sekond'Awla Numru 1153/96 u dan ghall perjodu mid-data tal-istess digriet sad-data ta' din is-sentenza; izda mill-bqija, ghalkemm tikkonferma li l-istess attrici f'isimha u ghal uliedha minuri, ghandha tali dritt, din il-Qorti minhabba nuqqas ta' provi dwar l-introjtu attwali tal-konvenut, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba sabiex tali manteniment jigi likwidat, b'dan li l-attrici ghandha l-fakolta' u d-dritt li tressaq tali talba fil-futur kemm ghaliha u kemm ghal uliedha kemm il-darba jigi ppruvat li l-konvenut ghandu mezzi w introjtu sabiex ihallas tali manteniment, u jekk ic-cirkostanzi kollha hekk jippermettu fil-fatt u legalment.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto*, b'dan li ghall-fini tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16,** tistabbilixxi s-sena 1997 bhala d-data meta l-konvenut ta lok ghal tali firda.

5. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mis-sena 1997 u tillikwida l-beni in komun bejn il-partijiet, b'dan li tassenja lill-konvenut affarijiet kollha formanti parti mill-istess li jidher li huwa ha mill-istess dar konjugali, liema oggetti huma fuq elenkati u dettaljati fl-affidavit tal-attrici tal-11 ta' Frar 2003, a fol. 25 tal-process, b'dan li l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas lill-attrici l-ammont ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600), ammont iffisat *arbitro boni viri* minn din il-Qorti, rapprezentanti l-kumpens dovut lill-attrici, in vista tal-oggetti tal-komunjoni, li l-istess konvenut ha ghalih innifsu. Minbarra dan l-attrici ghandha tigi assenjati kull dritt ghad-dar matrimonjali, 63, Triq id-Dejqa Cospicua, b'dak kollu li l-istess dar hemm gjo fiha bhala mobbli.

6. Tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u b'dan li l-konvenut ma ghandu ghall-ebda raguni jersaq lejn l-istess dar 63, Triq id-Dejqa, Cospicua, u tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------